MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 1

**It-Tnejn, 1 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Dr Lynn Zahra | Kummissarju tal-Ġustizzja |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Michael Mifsud — Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Skont l-Artiklu 25(4) Tal-Att dwar Gvern Lokali l-ewwel laqgħa ta' kull Kunsill għandha tissejjaħ mill-Kunsillier l-aktar anzjan u f'dan il-każ is-Sur Stephen Sultana huwa l-aktar persuna li ilu jiġi elett mir-residenti Vendrizi fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

## 1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga mis-Sindku

Dr Lynn Zahra l-Kummissarju tal-Ġustizzja tgħati l-ġuramnet tal-ħatra ta' Sindku lis-Sur Stephen Sultana.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku lis-Sur Stephen Sultana. Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja s-Sur Stephen Sultana ħa l-ġurament ta' Sindku

## 1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga mill-Viċi Sindku

Dr Lynn Zahra l-Kummissarju tal-Ġustizzja tagħti l-ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku lis-Sur Gianluca Falzon.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku lis-Sur Gianluca Falzon. Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja s-Sur Gianluca Falzon ħa l-ġurament ta' Viċi Sindku.

F'dan l-istadju, il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella talab għas-sospensjoni tal-aġenda sabiex issir minuta silenzju għal dawk il-Kunsilliera li ħallewna. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal dan.

## 1.3 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera Lokali

SINDKU - STEPHEN SULTANA

a) Infrastruttura u Proġetti Kapitali
b) Kultura u Attivitajiet Soċjali
c) Għaqdiet Lokali
d) Finanzi
e) Awtorita tal-Ippjanar
f) *Media* Soċjali
g) Aspetti Soċjali

VIĊI SINDKU - GIANLUCA FALZON

a) Fondi UE u Ġemelaġġi
b) Innovazzjoni
c) Relazzjonijiet Pubbliċi
*d)* Ordni Pubbliku u*Traffic Management*
e) Ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera

DARREN CARABOTT

a) Indafa
b) Ambjent
c) Żamma ta' Ġonna u *Soft Areas*

COURTNEY FARRUGIA

a) Edukazzjoni
b) Saħħa
c) Turiżmu

KURSTEN DIMECH

a) Żgħażagħ u Tfal
b) Sports u Attivitajiet Fiżiċi
c) Ħarsien tal-Annimali

JOE VELLA

*a) Self Employed*
b) Trasport Pubbliku
c) Integrazzjoni Soċjali

SILVIO VELLA

a) Anzjani
b) Familja
c) Wirt Storiku

**1.4 Kunsiderazzjonijiet oħra**

**Is-Sindku nforma lill-membri li**

- Ser issir quddiesa fis-7 ta' Lulju fid-9.00am bhala rikonoxximent lejn il-bidu tad-9 Legislatura;
- Ser issir quddiesa għall-anzjani fit-12 ta' Lulju fid-*Day Centre;*
- Ser ikun hemm wirja ta' tjur u annimali fit-13 ta' Lulju;
- Ser isir tberik tal-annimali fl-14 ta' Lulju.

**1.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-6.45 pm u ġiet aġġornata għa1l-15 ta' Lulju, 2019, fil-6.30pm

Konfermati, illum 15 ta' Lulju, 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Michael Mifsud<br>DeputatSegretarju Eżekuttiv |